MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 9/2006

**John Mompalao u Mario Pavia**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

Permezz ta’ kawza prezentata fl-1 ta’ Frar 2006, l-atturi qeghdin jikkontestaw ordni li nghataw biex jibdew jirraportaw ghax-xoghol f’Malta. L-attur Mompalao ilu mill-1964 jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta, u jokkupa l-kariga ta’ Principal Distribution Technical Officer. L-attur l-iehor ilu jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta mill-1980 u jokkupa l-kariga ta’ Senior Distribution Technical Officer. Fir-rikors guramentat l-atturi ppremettew li:- *“Illi fil-fatt dawn huma transfers vendikattivi u motivati minn motivi ulterjuri pjuttost mill-esigenzi tas-servizz ta’ Enemalta Corporation.”*. L-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-ordni li jibdew jahdmu f’Malta hi *ultra vires*, illecita, diskriminatorja, u tmur kontra l-provvedimenti tal-

kostituzzjoni, u wkoll kontra l-ftehim kollettiv. L-atturi jridu li din il-qorti tannulla d-decizjoni li ttiehdet mill-konvenuta dwar it-trasferiment tal-atturi lejn Malta, u taghti wkoll kull ordni illi jidhrilha li hu opportun.

Min-naha taghha l-Korporazzjoni Enemalta wiegbet (fol. 8) li:-

1. Il-kawza ghandha tigi dikjarata nulla peress li kellha ssir kontra l-Korporazzjoni Enemalta li ghandha personalita guridika.
2. Fil-meritu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress li l-allegazzjoni ta' agir abbuziv u vendikattiv hu nieqes minn kull bazi u l-Korporazzjoni dejjem imxiet fl-interess pubbliku skond il-jeddijiet koncessi lilha mil-ligi, mill-ftehim kollettiv u mis-sens komun.

Wara li l-qorti qrat l-atti kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 52/2005 degretat fit-8 ta' Marzu 2006, tikkunsidra li:-

1. Fl-ewwel lok jigi rilevat li tista' tghid li l-attur John Mompalao[1] m'ghadx ghandu interess fil-meritu ta' din il-kawza. Peress li twieled fit-3 ta' Gunju 1950, f'inqas minn tlett xhur ser jirtira ghaliex jilhaq l-eta pensjonabbli. Wara li l-atturi ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 52/2010) kontra l-Korporazzjoni Enemalta u li bih giet inibita milli twettaq id-decizjoni li l-atturi jintbaghatu jahdmu Malta, tista' tghid li dan l-attur kellu rasu mistrieha li sakemm il-kawza ssir gudikat ikun lehaq l-eta pensjonabbli. Mill-atti jidher li postu ser jiehdu Pierre Cauchi li fil-prezent qieghed jahdem f'distrett f'Malta.

2. Dwar l-eccezzjoni preliminari, il-qorti m'hijiex tal-fehma li n-nuqqas tal-atturi jista' jaghti lok ghal xi nullita'. Skond l-Artikolu 181A tal-Kap. 12 meta *"tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu korp li jkollu personalita' guridika distinta,* ***ikun bizzejjed*** *li wiehed inizzel isem dak il-korp."*. Dan ifisser li m'hemmx ghalfejn

[1] Beda jahdem mal-Korporazzjoni f'Novembru 1964 bhala Learner.

jitnizzel isem il-persuna li ghandha r-rapprezentanza guridika tal korp. Hu minnu li skond l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 272 c-chairman ghandu r-rapprezentanza guridika tal-Korporazzjoni. Pero' b'daqshekk ma kienx bizzejjed li jitnizzel *"Chairman Korporazzjoni Enemalta"*. Il-kariga ta' chairman hi okkupata minn persuna fizika li trid tigi identifikata. M'huwiex bizzejjed li ssemmi l-kariga u tieqaf hemm. L-Artikolu 181A tal-Kap. 12 kien gie introdott biex proprju jevita dan u jaghmel l-affarijiet iktar semplici ghal min irid iharrek fl-interess jew kontra korp guridiku, iktar u iktar meta tqies li ma kull bidla li ssir fil-kariga, jkollha ssir il-procedura ghall-assunzjoni tal-atti mill-ufficjal il-gdid. Il-konvenuta ghandha personalita guridika distinta[2] u ghalhekk il-qorti qeghda tordna korrezzjoni fis-sens li fl-okkju tigi mhassra l-kelma **"Chairman"[3]**.

3. Fil-meritu, wara li l-qorti rat il-provi kollha li ressqu l-partijiet, tqies li ma tressqux provi sodisfacenti li l-ordni li jibdew jirraportaw ghax-xoghol Malta huma, kif jallegaw l-atturi, ***"transfers vendikattivi u motivati minn motivi ulterjuri, pjuttost mill-esigenzi tas-servizz ta' Enemalta Corporation."***. Fil-fehma tal-qorti l-principal igawdi minn diskrezzjoni li jiddeciedi l-post fejn l-impjegat ghandu jaqdi d-dmirijiet tieghu, kif wara kollox jikkonferma l-istess ftehim kollettiv li saret riferenza ghalih. F'minuta ta' laqgha li saret fit-8 ta' Gunju 2005 ghal *district technical officers* jinghad: *"1.7* ***Reshuffle of P/SDTOS****. All present were informed that the idea of reshuffling all PDTOs and SDTOs was being considered. All should be prepared for such changes as a matter of routine."* (fol. 217)[4]. Jidher li l-Korporazzjoni hadet decizjoni li tnejn mit-tlett foreman li jahdmu f'Ghawdex, jibdew jaqdu d-dmirijiet taghhom f'Malta filwaqt li posthom jiehduh zewg Ghawdxin ohra li qeghdin jahdmu Malta[5]. M'hemmx dubju li mhi facli xejn

---

[2] Ara Artikolu 4 tal-Kap. 272 tal-Ligijiet ta' Malta.

[3] Fic-cirkostanzi m'hemmx htiega li jinghata xi provvediment dwar ir-rikors li pprezentaw l-atturi fit-30 ta' Lulju, 2011.

[4] Dan minkejja li l-Inginier Josephine Meilak kienet xehedet li f'laqgha kien issemma li dan ir-reshuffle ma kienx ser japplika ghal min jahdem Ghawdex.

[5] L-inginier Charles Grixti spjega: *"Le halli nghidu hekk, ahna Ghawdxin in the grade of Foremen kien hemm hamsa (5) f'dak il-perjodu, kien hemm tlieta (3) Ghawdex u tnejn (2) Malta, issa meta gejna biex incaqalqu ghidna ejja nippruvaw*

ghal min, matul il-gimgha tax-xoghol, irid jaqsam kuljum minn Ghawdex ghal Malta u wara x-xoghol jirritorna lura lejn Ghawdex. Il-hin tat-tragit minn gzira ghall-ohra hu twil u jfisser hafna sagrificcji. Imbaghad min, bhal atturi, ikun hadem f'Ghawdex ghal dawn is-snin kollha[6] zgur li ser isibha iktar difficli sakemm jaddatta. Min-naha l-ohra min jiddeciedi li jqatta' l-gimgha tax-xoghol tieghu f'Malta, ser tfissirlu certu pizijijiet finanzjarji u diffikultajiet ohra. Ghalina li nghixu fi gzira tant zghira naraw dawn l-affarijiet bhala xi haga kbira. Zgur mhux l-istess jirraguna min ighix barra minn Malta li normlament irid jivvjagga ghal distanzi twal sabiex jasal ix-xoghol u jmur lura d-dar. M'hemmx dubju li l-kambjament ser ifisser bidla fl-istil ta' hajja ta' Pavia, u li jista' jkollu effett negattiv fuq il-produttiva tieghu fil-post tax-xoghol. Hu fatt li ghall-principal dawn it-tip ta' kazijiet jistghu jkunu xafra li jaqtghu miz-zewg nahat. Il-qorti ma tafx jekk din it-tip ta' konsiderazzjoni saritx mill-management. Il-qorti tistqarr li per ezempju fil-kaz tal-attur Mompalao l-Korporazzjoni wriet nuqqas ta' apprezzament u insensitivita lejn il-htigijiet ta' impjegat li kien ilu jservi lill-Korporazzjoni mill-1964 u li jidher li kien fidil, onest u ta servizz tajjeb lill-principal. Fl-eta ta' 57 sena qalulu sabiex jibda jirraporta ghax-xoghol f'Malta wara li kien ilu iktar minn 40 sena jahdem Ghawdex. Certament li decizjoni bhal dik ma tantx turi rispett lejn impjegat li wasal biex jirtira u li kien ilu dawk is-snin kollha jahdem, u l-qorti ma tistax tlum lill-impjegat li jhossu tant dizappuntat. Dan iktar u iktar meta l-ufficjali stess ammettew li d-decizjoni ma kenitx bazata fuq htiegijiet teknici. Madankollu din il-materja tohrog 'l barra mill-kwistjoni li ghandha quddiemha il-qorti. Jirrizulta wkoll li l-impjegat l-iehor, Carmel Attard, li skond il-pjanijiet kellu jibqa' Ghawdex lehaq l-eta' pensjonabbli u hemm dubju kemm ghadu prattiku li Pavia jigi trasferit lejn Malta f'kaz li hemm vacancy ohra f'Ghawdex. Pero dawn huma affarijiet li trid tikkunsidra u tiddeciedi dwarhom il-Korporazzjoni konvenuta.

---

*ma noholqux hafna caqlieq u hardships bla bzonn.... jigifieri jekk mela ahna kellna tnejn (2) Foremen Ghawdxin li qeghdin jahdmu Malta, ejja ncaqalqu tnejn (2) ma' tnejn (2), jigifieri overall il-hardships tal-Ghawdxin biex nghid hekk, xorta baqa' bejn tnejn (2) Malta u tlieta (3) Ghawdex."* (fol. 238)

[6] Mompalao dejjem hadem Ghawdex filwaqt li Pavia xehed li *"Ilni hawn Ghawdex ghal dawn l-ahhar cirka disgha (9) snin."* (fol 193).

Ovvjament fir-realta' hu fl-interess tal-Korporazzjoni li tizgura li l-impjegat ikun motivat u mhux jigi demoralizzat b'decizjonijiet li f'ghajnejn l-impjegati m'huma xejn ghajr l-imposizzjoni ta' kondizzjonijiet bla bzonn.

Madankollu fil-meritu l-kaz tal-atturi hu kollu mibni fuq supposizzjonijiet u m'hemm xejn konkret. L-atturi jilmentaw[7] li dan it-tibdil ser ifisser:-

- Iktar hin biex jaslu x-xoghol;
- Qawmien kmieni sabiex jaslu x-xoghol fil-hin.

Pero' dawn it-tip ta' konsiderazzjonijiet m'ghandhomx x'jaqsmu mal-azzjoni li ghamlu l-atturi u li hi kollha bazata fuq l-ilment li d-decizjoni li jintbaghatu Malta mhi xejn ghajr transfer vendikattiv u bazata fuq motiv ulterjuri. Dan apparti l-fatt li dawn l-ilmenti huma diffikultajiet li tajjeb jew hazin wiehed irid jiffacca fid-dinja tax-xoghol.

Ghalkemm jidher li wiehed mill-impjegati (Carmel Attard) messitu l-fortuna li jibqa' jahdem Ghawdex, jidher li din id-decizjoni ttiehdet minhabba l-fatt li ma hemmx impjegat iehor li jghix Ghawdex li ghandu l-kariga ta' Senior Distribution Technical Officer u li jahdem f'distrett f'Malta. Minghajr ebda ezitazzjoni l-qorti tistqarr li ma tressqet l-ebda prova li t-transfers saru minhabba vendikazzjoni jew ghal xi motiv hazin iehor. Ghalkemm l-attur Pavia fl-affidavit ghamel diversi mistoqsijiet b'riferenza ghad-decizjoni li ttiehdet mill-management u li fil-fehma tieghu juru li d-decizjoni m'hijiex bazata fuq ragunijiet genwini, mill-provi li tressqu m'hemmx indizji ta' agir vendikattiv jew motivi ulterjuri. Per ezempju ghalkemm jidher li dan l-esercizzju ma giex applikat ghal foreman li qeghdin jahdmu f'Malta fil-qasam tal-meters tad-dawl filwaqt li ghal Ghawdex gie applikat, m'huwiex indizju li f'dan il-kaz il-Korporazzjoni kellha xi agenda ohra minn wara l-kwinti. Hu fatt li f'kazijiet fejn il-principal ikun irid ipattiha lill-impjegat billi jaghtih trasferiment, ma jkunx daqstant facli ghall-impjegat li jgieb provi sabiex jissostanzja l-kaz

[7] Ara nota ta' sottomissjonijiet (fol. 292).

tieghu. Dan peress li l-probabilita hi li qabel jinghata t-transfer il-principal ser jaghmel hiltu li jhejji l-preparamenti kollha biex jekk jinqala' l-inkwiet ikun preparat. Madankollu l-kawzi jridu jigu decizi fuq il-provi li jressqu l-partijiet. John Momapalo xehed: *"Is-suspett u konvinzjoni morali tieghi hija illi biex ipatijieli dan Patrick Sciberras illi jokkupa l-kariga ta' operator kien mar tkellem ma Tony Bonello u minn hemmhekk nibtet ir-raguni ta' l-azzjoni kontra tieghi."*[8]. Qal ukoll li dan kollu gara wara li hu kien ta tiswija lil Patrick Sciberras dwar *"xi irregolaritajiet fil-qadi ta' dmirijiet u fuq il-post tax-xoghol."*. Ma tressqu l-ebda provi konkreti dwar dan is-suspett li l-attur qal li ghandu. Inoltre, ghalkemm l-attur Mompalao jipponta subghajh lejn il-Kap tar-Rizorsi Umani Anthony Bonello, jidher li dan dahal jahdem mal-Enemalta fl-istess zmienijiet li ttiehdet id-decizjoni fil-laqgha tat-8 ta' Gunju 2005 (fol. 217)[9]. F'dan ix-xenarju l-qorti taraha ferm improbabbli li d-decizjoni kienet fuq xi inizjattiva personali ta' Anthony Bonello. L-istess m'hemm l-ebda indizju li Mario Pavia gie trasferit lejn Malta biex ma jkunx jidher li t-transfer sar biss lil Mompalao. Dawn huma biss supposizzjonijiet u kongetturi u mhux provi. Interessanti wkoll kif l-atturi jidher li lmentaw mal-Ministru ghal Ghawdex li pprovat ukoll tghinhom u mill-affidavit taghha ma jidhirx li l-atturi qalulha li dawn li dawn kienu transfers vendikattivi. Tant hu hekk li kull ma qalet hu li, *"Kif spjegawli Pavia u Mompalao ma kinux ser jittellghu Malta b'xi promozzjoni u lanqas ghax kien hemm xi redundancy fil-konfront taghhom, izda* ***din kienet parti minn reshuffle tal-foremen li ssir kull tant zmien****. Bl-eccezzjoni pero li fis-snin l-imghoddija l-foreman f'Ghawdex kienu jigu reshuffled fiz-zewgt areas li hawn f'Ghawdex u mhux jinbidlilhom id-distrett."* (fol. 109). Min-naha tal-attur l-iehor, Mario Pavia, allega li *"...b'dawn it-transfers ..... illi fil-passat kien jahdem f'Ghawdex, imbaghad inghata promozzjoni u mar jahdem f'Malta* ***kif ukoll Charlie Axiaq*** *illi kien lahaq foreman zmien sew warajja u li jien ghandi seniority aktar minnu."* (fol. 195). Madankollu dan kollu baqa' biss allegazzjoni.

---

[8] Fol. 82.
[9] Anthony Bonello xehed li beda jahdem mal-Enemalta f'Gunju 2005 (fol. 267).

Il-qorti wara li qrat l-atti ghall-iktar minn darba u semghet ukoll lil Anthony Bonello jixhed *viva voce*, ma tistax tikkonkludi li t-transfer tal-atturi qieghed isir ghal xi vendikazzjoni jew minhabba xi motiv ulterjuri li jmur kontra l-ligi.

4. L-atturi jsostnu li d-decizjoni tal-Korporazzjoni tmur kontra l-Ftehim Kollettiv. L-uniku ftehim li giet esebit[10] hu dak ghas-snin 2002-2005 (fol. 11). Mill-provi ma rrizultax x'gara wara, per ezempju jekk il-ftehim kienx gie mgedded pero mill-affidavit ta' Anthony Bonello, kap tat-Taqsima tar-Rizorsi Umani, jidher li ghadu japplika ghal dan il-kaz. Fi klawzola 1.4.3 jinghad:-

*"Management is authorised to transfer employees at its discretion. The Chairman or Human Resource Department shall inform the employees in writing of their prospective transfers. The Union will have the right to make representations regarding the transfer of employees if it contends that they have been discriminated against or if they suffer any financial hardship.* ***In transferring employees, the management is to give due consideration to the employee's place of residence.*** *This does not apply in case of temporary transfers, which should not exceed six months."*.
Il-qorti hi tal-fehma li din il-klawzola m'hijiex tghid li persuna li tghix u tahdem f'Ghawdex ma tistax tinghata transfer Malta, u l-istess japplika ghal min ighix u jahdem Malta. Il-fatt li persuna li tghix f'Ghawdex tkun qeghda tahdem hemm ukoll, m'hijiex xi garanzija li mhux ser jigi xi zmien li jkollha taqdi d-dmirijiet taghha f'Malta. Ovvjament f'dawk ic-cirkostanzi, l-principal irid jiehu in konsiderazzjoni l-post ta' residenza tal-impjegat, li f'dan il-kaz jidher li ttiehdu tant li Mompalao kellu jintbaghat fid-distrett tal-Mosta u Pavia fid-distrett ta' Bugibba cjoe' d-distretti li huma l-iktar vicini ghac-Cirkewwa.

---

[10] Prezentat mill-Korporazzjoni flimkien mar-risposta guramentata.

Anthony Bonello, Kap tat-Taqsima tar-Rizorsi Umani, spjega li:-

*".... d-decizjoni li dawn jinzlu Malta u haddiema ohrajn, ukoll Ghawdxin, li bhalissa jahdmu Malta, jiehdu posthom f'Ghawdex kienet wahda li ttiehdet kollettivament fuq parir tal-kap tas-sezzjoni wara li kienet ittiehdet decizjoni li **ma kienx siewi li bniedem jibqa' dejjem allokat f'distrett wiehed ghal zmien twil hafna u li jissaddad hemm, fost l-ohrajn ghaliex wiehed jista jidhol f'kunfidenza zejda mal-konsummaturi ta' l-akkwati u nies li jahdmu fl-akkwati.**[11]*

*Ghalhekk ittiehdet decizjoni li ssir rotazzjoni tal-foremen kollha, fid-distretti u din kienet tinkludi lil Mompalao u Pavia fid-distrett ta' Ghawdex...........*

***Il-ftehim kollettiv jindika biss illi kemm jista jkun jittiehed kont ta' fejn tkun jirrisjedi bniedem qabel ma jigi trasferit. Dan sar fil-kaz ta' Pavia u Mompalao, li kienu ser jigu kollokati fid-distretti tal-Mosta u Bugibba, sabiex kemm jista jkun jibqaw fil-parti tat-tramuntana ta' Malta**....."* (fol. 257).

Il-qorti ma tista' ssib xejn hazin fir-ragunament li ghamlet l-amministrazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta, li kellha kull dritt tiehu decizjoni manigerjali li Principal Distribution Technical Officer (PDTO) u Senior Distribution Technical Officer (SDTO) m'ghandux jaqdi d-dmirijiet tieghu fl-istess distrett ghall-perjodu kollu li jdum jokkupa dik il-kariga u li din id-decizjoni ghandha tapplika wkoll ghal dawk l-impjegati li jghixu u jahdmu f'Ghawdex. Il-fatt li qabel din is-sistema ma kenitx qeghda tigi applikata ghal min ighix u jahdem f'Ghawdex, ma jfissirx li ma setatx tigi ntrodotta. Il-qorti m'ghandix tindahal fil-mod kif korporazzjoni titmexxa mill-aspett manigerjali. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw l-atturi, ghamlu riferenza ghas-sentenza **Dennis Tanti vs Prim'Ministru et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru 2004. Filwaqt li dik is-sentenza

---

[11] Tista' tghid li l-istess qal l-Inginier Charles Grixti li filwaqt li kkonferma li d-decizjoni ma kenitx bazata fuq xi bzonnijiet teknici imma *".... iktar il-bzonn meta taghmel reshuffle jien nghidilha biex certa sadid jitnehha."* (fol. 238).

hi ferm interessanti, fil-meritu l-fatti f'dak il-kaz huma ferm differenti minn dak prezenti. F'dik il-kawza il-qorti kienet waslet ghal konkluzjoni li t-transfer ma kien xejn ghajr *"kastig velat, b'mod li kienu gew vjolati r-Regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar il-modalitajiet li bihom ghandhom jitmexxew il-proceduri tad-dixxiplina qabel ma jinghata xi kastig."*. L-atturi m'humiex impjegati tas-servizz pubbliku u l-provi ma jurux li l-motiv wara d-decizjoni kienet sabiex jigu kastigati l-atturi jew agevolati impjegati Ghawdxin ohra li fil-prezent qed jahdmu Malta.

5. Il-qorti lanqas ma tara li hemm diskriminazzjoni fid-decizjoni li ttiehdet mill-konvenuta. Carmel Attard hu l-impjegat l-iehor f'Ghawdex li bhall-attur Pavia ghandu l-kariga ta' Senior Distribution Officer (SDTO). Peress li Attard kien ilu impjegat mal-Korporazzjoni mill-1964 filwaqt li Pavia beda jahdem maghha fl-1980, il-Korporazzjoni ddecidiet li min kellu l-iktar snin ta' servizz kellu jithalla Ghawdex ghaliex ma kienx hemm haddiehor f'Malta li seta' jiehu postu[12]. L-inginier Charles Grixti xehed[13]: *"Malta kellna PDTO u SDTO, Ghawdex kien hemm PDTO u zewg SDTO's, mela PDTO ma' PDTO, dak kien jigifieri l-PDTO ta' Malta ma' PDTO ta' Ghawdex, l-SDTO li kellna ma' wiehed mill-SDTO's ta' Ghawdex u rajna imbaghad hemmhekk daqsxejn is-seniority, imma biss is-seniority ta' Carmel Attard kien iktar anzjan allura hallejna l-iktar senior biex nghid hekk..."* (fol. 239). F'dan kollu l-qorti m'hijiex tara li hemm xi element ta' diskriminazzjoni. Ghal dak li jikkoncerna l-attur Mompalao ma jidhirx li jista' jaghmel xi paragun ma' Carmel Attard peress li l-gradi taghhom huma differenti, minkejja l-fatt li l-inginier Charles Grixti jidher li ghamel tali paragun meta xehed waqt is-smiegh tar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 52/2005)[14].

Fir-rigward tal-ilment li t-transfer imur kontra l-provvediment tal-Kostituzzjoni, pererss li dawn m'humiex

[12] Ara dokument a fol. 198 u l-ewwel faccata tal-personal file ta' Mario Pavia.
[13] Seduta tat-28 ta' Jannar 2010 (fol. 233).
[14] Ara fol. 77 tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 52/2005.

proceduri ta’ natura kostituzzjonali din il-qorti m’ghandix il-kompetenza li tiddeciedi kwistjonijiet simili.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija:-**

**1. In vista tal-ordni li nghatat tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.**

**2. Tichad it-talbiet tal-atturi.**

**Spejjez a karigu tal-atturi**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------